**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 332/2018 RM**

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali numru 3772/18**
**fl-ismijiet :-**

**L-Awtorita` Tal-Ippjanar**

**-Vs-**

**Nazzareno Scicluna**

**Illum, 11 ta' Ottubru, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Nazzareno Scicluna ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Dicembru 2018 fejn ġie premess u mitlub :-

Illi l-Awtorita' tal-Ippjanar avvalixiet ruhha mill-artikolu 100 (5) u (6) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta u ntavolat ittra gudizzjarja numru (3772/18) sabiex tinforza s-somma ta' elf sebgha mija u disghin ewro (€1,790) rapprezentanti penali rigward zvilupp minghajr permess ta' zvilupp specifikat fl-avviz ta' twettiq numru (ECF482/11);

Illi l-ezekuzzjoni tal-Avviz Parzjali hija wahda nfondata u dan billi;

i. Ai termini regolamenti 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 552.24 huma biss avvizi mahruga taht il-Kap.504 illi l-penali in kwistjoni qed tigi nfurzata ai termini tal-Kap. 552

ii. Illi fi kwalunkwe kaz il-penali mposta hija ta' natura penali u ghaldaqstant l-infurzar taghha jikostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti ghaliex ma gietx stabbilita minn qorti indipendenti u mparzjali kif tirrikjedi il-kostituzzjoni ta' Malta;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobham salv dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni, tiddikjara l-pretensjoni ai termini tal-ittra ufficjali 3772/18 bhala wahda nfondata.

Rat ir-Risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanar ipprezentata fil-21 ta' Jannar 2019 fejn gie eccepit:-

1. Ma hux assolutament minnu li t-talba għall-ħlas tal-Awtorita' esponenti kif kontenuta fl-ittra uffiċċjali numru 3772/18 hi nfondata. Propju bil-kontra ta' dan, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ ta' din il-kawża, l-istess talba għall-ħlas hu ġusta u mistħoqqa fil-liġi.

2. Illi l-ewwel raġuni li dwarha r-rikorrent qed isejjes l-oġġezzjonijiet tiegħu ma fiha ebda siwi, anzi hi merament frívola. Qabel xejn l-*enforcement notice* inħarġet fi żmien fejn kienu jgħoddu l-provvedimenti tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta; u l-istess jgħodd għad-*daily fine* li bdiet tiddekorri b'rabta mal-istess *enforcement notice. In oltre,* l-Awtorita' mexxiet fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 100(5) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi testwalment kif ġej:- '(5) L-ispejjeż kollha li raġonevolment isiri mil-Kunsill Eżekuttiv fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu taħt dan l-artikolu, **jew kull ammont ieħor dovut**

**lill-Awtorita' skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħruġin taħt l-istess Att** ikunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mil-Awtorita' mingħand il-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew mingħand l-okkupant tal-art, jew mingħand persona responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas…'. Hawn xieraq jingħad illi l-Leġislazzjoni Sissidjarja 552,24 ġiet emendata permezz tal-Avviż Legali 294 tal-2016, fejn fir-regolament 3 tal-istess Avviż Legali nsibu li d-definizzjoni tal-'Att' fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali ġiet mibdula sabiex issa tfisset l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u cioe' il-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta. F'kull każ, l-Awtorita' tal-Ippjanar, issuċċediet *ex lege* fil-funzjonijiet (tal-Ippjanar tal-iżvilupp) kollha li qabel kienu fdati f'idejn l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar skont il-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż għalhekk il-funzjonijiet tal-infurzar u l-impozizzjoni tad-*daily penalties* b'rabta mal-istess proċeduri t'infurzar. Għalhekk, b'kull dovut rigward, din l-ewwel oġġezzjoni turi kemm ir-rikorrenti m'għandux raġuni valida fil-liġi fuq x'hiex jopponi għall-ħlas mitlub mil-Awtorita'.

3. It-tieni raġuni li dwarha r-rikorrent qed isejjes l-oġġezzjonijiet tiegħu hi daqstant ieħor infondata. Żqabel xejn dina l-Onorabbli Qorti hi eżawtorata milli tistħarreġ u tiddeċiedi dwar ilmenti ta' indoli Kostituzzjonali/Konvenzjonali, kif inhu l-ilment imqanqal mir-rikorrent f'din it-tieni oġġezzjoni tiegħu. Jingħad ukoll, dejjem bla ħsaragħall-permess, li l-proċeduri penali (f'każ ta' ksur tal-Liġi tal-Ippjanar) li jaħseb għalihom il-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, m'humiex dawk kontemplati fl-artikoli 94 sa 100 tal-istess Att u/jew ir-regolmaenti maħruġa taħt l-istess Artikoli tal-Liġi. Il-proċeduri penali li taħseb għalihom il-Liġi tal-Ippjanar huma dawk kontemplati fl-Artikolu 103 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta. F'kill każ, u dejjem bla ħsara għall-premess, il-Liġi tal-Ippjanar taħseb għal għadd ta' rimedji li bihom wieħed jista' jikkontesta (i) l-ħlas mitlub mil-Awtorita'/ u jew (ii) l-*enforcemnet notice* li dwarha jirrelata l-istess ħlas, u fost dawn ir-rimedji nsibu prpju l-proċeduri odjerni. Naturalment f'dan il-każ, ir-rikorrenti naqas milli

jressaq raġuni valida dwar x'hiex jopponi għall-ħlas mitlub mil-Awtorita', propju għaliex l-ammont mitlub hu tabilħaqq dovut u mistħoqq bil-Liġi.

Illi għar-raġunijiet premessi, it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Awtorita' intimata bħala waħda infondata għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat illi r-Rikors gie mħolli għal-lum għad-deċiżjoni;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-Rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jipprevalixxi ruħu mill-proċedura prospettata fis-subartikoli (7) u (8) tal-Artikolu 100 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 552). Dan wara li huwa ġie notifikat bl-att gudizzjarju bin-numru 3772/18 u d-dikjarazzjoni ġuramentata annessa magħha[1] li gew ippreżentati mill-Awtorita` tal-Ippjanar fit-8 ta' Novembru 2018 a tenur tas-subartikoli (6) u (7) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 biex tirkupra dejn fis-somma ta' €1,790, dovut abbażi ta' fattura INV10186[2]. Skont l-Awtorita', din is-somma tirrappreżenta multa għal kull ġurnata hekk kif maħsuba fir-regolament 3 tal-Avviż Legali 276 tal-2012[3], liema

[1] Dok. NS2 u Dok. B anness, fol. 25 *et seq*.

[2] Dok. A anness mal-att ġudizzjarju -invoice datat 4.6.2018.

[3] S.L. 522.24. Dawn ir-regolamenti gew maghmula bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 li jipprovdu hekk:- "(4*) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet jew regolamenti maħruġa taħt dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviż ta' twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art soġġetta għall-avviż ta' twettiq jew kull persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dak l-*

multa ġiet imposta għall-perijodu mill-31 ta' Awwissu 2016 sal-31 ta' Mejju 2018 fir-rigward ta' żvilupp mingħajr permess imsemmi fl-Avviż ta' Twettiq Numru ECF482/11.

Skont kif ġie dikjarat fl-att ġudizzjarju ippreżentat mill-Awtorita' tal-Ippjanar fit-8 ta' Novembru 2018, l-interpellazzjoni għall-ħlas tal-multa fis-somma reklamata saret ai termini tal-Artikolu 100(6) u (7) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmija disposizzjonijiet, fil-partijiet relevanti tagħhom, jipprovdu hekk:-

*(6) Meta l-Awtorità tkun trid tagħmel proċeduri ġudizzjarji biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taħt xi liġi jew regolament li hija jkollha jedd li tenforza, iċ-Chairperson Eżekuttiv jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss miċ-Chairperson Eżekuttiv biex jaġixxi f'ismu, jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.*

*(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.*

Da parti tiegħu, ir-rikorrent Nazzareno Scicluna oppona għad-dikjarazzjoni bil-ġurament tac-Chairman Eżekuttiv tal-Awtorita', billi ppreżenta r-rikors promotur ta' dan il-proċediment fit-12 ta' Diċembru 2018, b'talba lill-Qorti biex tiddikjara l-pretensjoni għall-ħlas tas-somma ta' €1,790, kif notifikata lilu bl-att ġudizzjarju bin-numru 3772/18, bħala waħda infondata.

Madanakollu, minn eżami tal-kopja legali tal-atti tal-att ġudizzjarju bin-numru 3772/18, ippreżentat mir-rikorrent fuq ordni tal-Qorti permezz ta' nota fit-22 ta' Ġunju 2020[4], jirriżulta minnufih illi r-rikors promotur ġie intavolat mir-rikorrent iktar

---

*avviż ta' twettiq fiż-żmien preskritt fl-avviż ta' twettiq, dik il-persuna għandha tkun obbligata li tħallas multa ta' kuljum li għandha tkun regolata b'regolamenti magħmula mill-Ministru, li ma tkunx teċċedi ħamsin euro (€50) għal kull jum li għandha tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija fl-avviż ta' twettiq li jkun notifikat, tkompli …"* Ghalkemm ir-regolamenti fl-Avviz Legali 276 tal-2012 (S.L. 522.24) gew promulgati b'applikazzjoni tal-Artikoli 61 u 79 tal-Kap. 504, il-legislazzjoni sussidjarja kollha maghmula taht l-imsemmi Kapitolu 504, giet trasposta *inter alia* ghall-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp) li fl-Artikolu 100(4) tieghu, jipprospetta l-hlas tal-multa ghal kull gurnata f'kaz ta' nuqqas ta' konformita` mal-Avviz mahrug skont l-Artikolu 86 tal-Kap. 504.

[4] Dok. NS2, fol. 24 *et seq*.

minn għoxrin ġurnata wara li sarlu n-notifika tad-dikjarazzjoni ġuramentata permezz tal-att ġudizzjarju bin-numru 3772/18. Kemm hu hekk, ir-referta tal-Marixxall Reno Spiteri jindika illi n-notifika tal-att relattiv lil Nazzareno Scicluna saritlu fil-15 ta' Novembru 2018, skont kif del resto jirriżulta wkoll mill-kopja tal-*pink card* inserita fl-atti[5]. Dan ifisser illi fil-każ in diżamina, it-terminu ta' għoxrin ġurnata msemmi fis-subartikolu (7) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552, skada fil-5 ta' Diċembru 2018 bil-konsegwenza illi r-rikors intavolat fit-12 ta' Diċembru 2018 minn Nazzareno Scicluna in linea ta' oppożizzjoni għat-talba tal-Awtorita', ġie ppreżentat tardivament, ben sebgħa u għoxrin ġurnata wara n-notifika.

Bħalma huwa del resto assodat fil-ġurisprudenza, ir-regoli proċedurali huma ta' ordni pubbliku u bħala tali għandhom jiġu segwiti *ad unguem*. In tema jinsab ritenut hekk:-

"*Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "si debbono osservare alla lettera e non per equipollens" (Vol XVIII pI p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-ligi "ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"(Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421)*".[6]

Din il-Qorti tqis illi fin-non osservanza tat-termini legali applikabbli għall-proċediment jew l-att ġudizzjarju li jiġi propost, jiġi ravviżat difett proċedurali li jsarraf fl-irritwalita' ta' dak l-att jew proċediment, liema irritwalita' huwa pacifiku li tista' tiġi mqajma mill-Qorti *ex officio* anke fl-assenza ta' eċċezzjoni *ad hoc* sollevata mill-parti kuntrarja.

Applikat dan għar-rikors tat-12 ta' Diċembru 2018 li ġie ippreżentat mir-rikorrent dikjaratament ai termini tal-Artikolu 100(7) tal-Kap. 552[7], il-Qorti tqis li dan r-rikors,

[5] Fol. 26

[6] App.C 75/15: **Geswalda Caruana v. Francis Xerri**, deciza fit-28 ta' April 2017.
[7] Ara pargrafu 1 tar-rikors promotur, fol. 1.

ġaladarba ġie intavolat *fuori termine*, huwa wkoll null u bħala tali ma jista' qatt jitqies bħala oppożizzjoni valida għall-pretensjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar magħmula bl-att ġudizzjarju bin-numru 3772/18. Wisq inqas jista' jwassal għar-rizultat maħsub fl-imsemmi subartikolu (7) tal-Artikolu 100, ċioe' li l-pretensjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar tiġi dikjarata bħala waħda infondata.

Il-korollarju ta' dan hu, inevitabbilment, illi d-dikjarazzjoni ġuramentata taċ-Chairman Eżekuttiv tal-Awtorita' tal-Ippjanar, magħmula fis-6 ta' Novembru 2018 u notifikata lir-rikorrent Nazzareno Scicluna permezz tal-att ġudizzjarju bin-numru 3772/18, fejn ġie konfermat li l-ammont ta' €1,790 hu dovut mill-istess Nazzareno Scicluna, ma ġietx validament opposta fit-terminu stabbilit mil-liġi u għandu għalhekk tipproduċi l-effett maħsub fl-Artikolu 100(7) tal-Kap. 552.

**Għal dawn il-motivi kollha ma tistax tieħu konjizzjoni tar-Rikors ippreżentat minn Nazzareno Scicluna fit-12 ta' Diċembru 2018.**

**L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**